MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 11/2004/1

Woodline Limited
vs
Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li bih ippremettiet:

Illi s-socjeta` rikorrenti kellha ammonti dovuti lill-intimat bhala taxxa tal-VAT, taxxa addizzjonali, kif ukoll imghax u penali li lahqu ddekorrew. Dawn kienu jammontaw ghas-somma ta' Lm53,871.46 bhala VAT, Lm28,726.16 bhala taxxa addizzjonali u penali u Lm5,322 bhala imghax li lahaq iddekorra.

Illi s-socjeta` rikorrenti kienet ghamlet il-proceduri kollha necessarji u kkontemplati fil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u meta l-imsemmija proceduri kienu ghadhom

pendenti s-socjeta` rikorrenti kienet giet notifikata b'ittra ufficjali min-naha ta' l-intimat halli din thallas l-ammonti fuq indikati u fin-nuqqas l-intimat kien se johrog il-mandati opportuni fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, kif ukoll jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tad-diretturi ta' l-istess socjeta`.

Illi minhabba tali pressjoni min-naha ta' l-intimat, is-socjeta` rikorrenti ottemporat ruhha billi hallset l-ammonti globali ta' sebgha u tmenin elf disa' mija u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu [Lm87,920.30].

Illi sussegwentement, l-intimat hareg Skema ta' Tnaqqis tat-taxxa addizzjonali, fejn l-intimat informa lil min kien ghadu ma ottemperax ruhu li huwa kien se jgawdi minn tnaqqis sostanzjali ta' l-ammont dovut minnu. Precizament kull min kien ghadu ma ottemporax ruhu kien se jgawdi minn tnaqqis ta' 90% fuq il-penaltajiet li kienu dovuti minnu in konnessjoni mal-VAT 1995 li kienet l-istess VAT li a bazi taghha hallset l-ammont fuq indikat is-socjeta` rikorrenti. Anke ghar-rigward ta' l-imghax dan kien se jinhadem mill-gdid u l-ammonti li kienu '***de minimis***' kienu se jinhafru.

Illi dan l-agir spjegat ikkostitwixxa ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti hekk kif imharsa mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Tajjeb li wiehed isemmi li skond l-istess Konvenzjoni hadd ma kellu jigi diskriminat. Id-diskriminazzjoni setghet kienet fuq liema bazi kienet u ma kienx hemm ir-rekwizit ghalhekk illi d-diskriminazzjoni trid tkun wahda kwalifikata u cioe` li tkun ibbazata partikolarment fuq xi haga bhal per ezempju origini socjali, sess, razza, affiljazzjoni politika u ohrajn. Fil-kaz odjern kien kaz per eccellenza ta' diskriminazzjoni u cioe` diskriminazzjoni bazata fuq zewg kwalitajiet ta' persuni; dawk li ottemperaw ruhhom mal-ligi tal-VAT u hallsu dak li kien dovut minnhom ihallsu u dak li stipula li huma jhallsu l-intimat hekk kif ***del resto*** ghamlet is-socjeta` rikorrenti u fuq in-naha l-ohra dawk illi baqghu qatt ma hallsu u injoraw dak li kien qed jinterpellahom halli jhallsu l-intimat li mbaghad gawdew minn mahfra jew

amnestija da parti ta' l-intimat u spiccaw hallsu ferm anqas minn dak li kien originarjament dovut.

B'dan il-mod u minhabba l-agir diskriminatorju da parti ta' l-intimat m'hemmx dubju li s-socjeta` rikorrenti sofriet pregudizzju liema bhalu ghaliex hija dahlet f'diffikultajiet finanzjarji kbar [hekk kif kellu jkollha l-opportunita` li tipprova waqt it-trattazzjoni tar-rikors] halli thallas dak li kien dovut minnha lill-intimat u dak li l-intimat kien qed jinterpella halli thallas. Sussegwentement min ma hallasx u ma ottemporax ruhu mal-ligi tal-VAT gawda minn amnestija li kienet tissarraf f'illi dan iffranka eluf ta' liri Maltin.

Is-socjeta` rikorrenti ccarat illi fl-ebda stadju meta hija kienet qeghda thallas ma' l-intimat ma kien indenja ruhu li jinformaha li kienet se tohrog amnestija u ghalhekk 'il quddiem setghet tgawdi minnha. Dan kien wassal ghal tip ta' ksur iehor illi ghalkemm ma nsibux fil-Konvenzjoni Ewropeja jew fil-Kostituzzjoni taghna huwa principju li kien gie zviluppat mill-Qorti tal-Unjoni Ewropeja u cioe` d-"doctrine of legitimate expectattions". Dan ifisser illi kull persuna ghandha dritt illi min-naha ta' l-amministrazzjoni ta' Stat-Membru jew inkella min-naha ta' l-istituzzjonijiet tal-UE tistenna l-mod kif dawn jiehdu d-decizjonijiet taghhom jehduhom b'tali u manjiera u b'tali sekwenza li min se jigi affettwat b'tali decizjonijiet ikun u jinducuh f'direzzjoni li jkun jaf x'qed jistenna. Dan il-principju ghalhekk jaccerta li persuna fil-kors ta' l-attivita` kondotta minnha tkun tista' tanticipa x'tip u f'liema direzzjoni se jittiehdu d-decizjonijiet min-naha ta' l-amministrazzjoni.

Din id-duttrina ghalkemm kienet ghadha qatt ma giet applikata fil-Qrati taghna certament illi kienet se takkwista aktar importanza u rilevanza galadarba Malta kienet se ssir membru shih fl-Unjoni f'Mejju li gej u ghalhekk issa l-Qrati taghna kienu jridu japplikaw dan il-principju fejn jidhol id-dritt amministrattiv u d-dritt kostituzzjonali b'mod dirett.

Illi s-socjeta` rikorrenti rrilevat illi certament fil-kaz odjern dan il-principju ma kienx gie osservat min-naha ta' l-

intimat u dana ghaliex huwa kien ha decizjoni wahda kontrastanti ma' l-ohra. Fuq naha wahda l-intimat kien interpella ghal diversi drabi [hekk kif del resto huwa xogholu] lil dawk il-persuni li ma kienux ottemperaw ruhhom mal-ligi tal-VAT halli dawn jottemperaw u fil-fatt jottemperaw ruhhom u ftit wara u fuq in-naha l-ohra mbaghad ta amnestija lil dawk il-persuni li gew jaqghu u jqumu mill-interpellazzjonijiet tieghu u qatt ma ottemperaw ruhhom. Hawnhekk m'hemmx dubbju li ma gietx osservata d-duttrina tal-"***legitimate expectations***" ghaliex kieku s-socjeta` rikorrenti nghatat x'tifhem jew giet informata mill-intimat illi kienet se tinghata amnestija lil dawk li jonqsu milli jottemperaw ruhhom bir-rispett kollu s-socjeta` rikorrenti kienet taghmel bhal hafna ohrajn u ma thallasx halli mbaghad tgawdi mill-amnestija.

Illi l-istess Konvenzjoni Ewropeja tipprovdi wkoll illi kull persuna ghandha d-dritt li tgawdi il-"***possessions***" taghha. F'dan il-kaz li tgawdi fondi li huma tas-socjeta` rikorernti u li minhabba l-agir ta' l-intimat is-socjeta` rikorrenti kellha thallashom lill-istess intimat f'taxxi u penali. Il-Konvenzjoni tispecifika wkoll "Every natural or legal person" u ghalhekk testendi wkoll ghal "***legal persons***" bhas-socjeta` rikorrenti.

Is-socjeta` kummercjali rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li permezz tal-agir ta' l-intimat fuq spjegat gew lesi d-drittijiet umani u fundamentali taghha ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijet Umani u Fundamentali tal-Bniedem hekk kif res applikabbli mill-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem.

2. Taghtiha dawk ir-rimedji li fid-diskrezzjoni wiesgha taghha hija thoss li huma xierqa w opportuni, inkluz u b'mod partikolari li tordna li s-socjeta` kummercjali rikorrenti tigi inkluza mill-intimat Skema ta' Tnaqqis tat-Taxxa Addizzjonali li thabbret fil-Budget tas-sena 2002 u wkoll tordna lill-istess intimat illi jhallas u jirrifondi lura lis-socjeta` kummercjali rikorrenti dik is-somma li

tirrapresenta d-differenza bejn dak li effettivament hija hallset bhala penali u imghax ghall-VAT 1995 u dak li seghet gawdiet mill-Iskema fuq imsemmija.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat ir-risposta ta’ l-intimat li eccepew:

Illi huwa oppona t-talbiet avvanzati fir-rikors promotur ghas-segwenti motivi:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti ma sofriet ebda pregudizzju billi hallset it-taxxa u l-penali dovuti minnha skond il-ligi.

Illi l-fatt illi, sussegwentement ghal dak il-hlas, kienet giet in vigore skema li permezz taghha min issoddisfa certi kondizzjonijiet ta’ l-istess skema nghata mahfra minn parti tal-penali dovuti ma jfissirx illi saret xi diskriminazzjoni ma’ min kien hallas qabel fit-termini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja stante li dik l-iskema tal-mahfra kienet tapplika ghal kull min kien fis-sitwazzjoni kontemplata fl-iskema meta din inharget u ma kienet taghmel ebda diskriminazzjoni abbazi tar-ragunijiet imsemmija fl-istess Artikolu 14 (u cioe` diskriminazzjoni abbazi ta’ razza, kulur, origini socjali, sess, affiljazzjoni politika etc jew abbazi ta’ xi kriterju ***ejusdem generis***)

Illi d-distinzjoni li saret fir-rikors promotur bejn persuni li lehqu hallsu u persuni li ma kienux hallsu hija wahda irrilevanti ghall-fini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni billi din id-distinzjoni ma teradikax diskriminazzjoni skond dak l-Artikolu.

2. Illi kwantu ghal-allegat ksur tad-dritt tal-proprjeta` kif protett bl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja huwa ben stabbilit illi l-obbligu tal-hlas tat-taxxi ma jivvjolax dan l-artikolu u illi l-Gvern kellu kull dritt illi jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta` skond l-interess generali kif stipulat ukoll espressament fit-tieni paragrafu tal-imsemmi Artikolu 1.

Illi huwa rilevanti li kwalunkwe skema ta’ amnestija tinvolvi illi persuni jigu ezentati minn xi obbligu li kellhom –

altrimenti ma tkun amnestija xejn. Ir-rikors ghall-amnestiji jsir mill-awtoritajiet minn zmien ghal zmien sabiex mil-lat prattiku jiffacilita l-amministrazzjoni pubblika bl-eliminazzjoni tal-bzonn ta' hafna proceduri li jistghu jkunu inutili. Ma hemm xejn ***ut sic*** diskriminatorju billi l-amministrazzjoni pubblika tirrikorri ghall-amnestiji biex taghmel 'tindifa generali' f'certu oqsma diment illi dawk l-amnistiji jkunu japplikaw ghal kull min ikun fis-sitwazzjoni rilevanti fil-mument meta jinghataw.

3. Illi dwar l-allegata '***legitimate expectation'***, ghad illi din mhijiex rilevanti ghall-azzjoni odjerna, ghandu jinghad illi bl-ebda mod ma jista' jigi validament sostnut illi bil-mod kif agixxa l-intimat kiser xi aspettativa legittima tas-socjeta` rikorrenti illi tigi avzata biex ma thallasx it-taxxa u l-penali dovuti minnha ***ex lege*** ghax fil-futur setghet tinghata xi amnestija. Huwa principju stabbilit illi t-taxxa tithallas skond ir-rati applikabbli fil-gurnata tal-hlas u certament huwa anti-socjali u anti-guridiku li wiehed jippretendi li Dipartiment tal-Gvern inkarigat mill-gbir tat-taxxi jghid lin-nies biex ma jhallsux dak li huwa dovut minnhom ghax fil-futur tinghata xi amnestija. Ghall-kuntrarju, huwa socjalment mehtieg illi l-amnistiji japplikaw fil-minimu tal-kazijiet possibbli.

Illi ghaldaqstant l-intimat issottometta li r-rikors promotur ghandu jigi respint u michud bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet tal-20 ta' April, 2004 li permezz taghha l-partijiet qablu li l-fatti kienu kif esposti fir-rikors, izda mhux ghall-interpretazzjoni tal-fatti.

Xehed Charles Caruana ufficjal principali in charge mis-sezzjoni tal-gbir fejn qal li dwar il-VAT 95 kien hemm

zmien meta l-kumpanija rikorrenti kienet waqghet lura fis-sottomissjonijiet tar-returns u ghalhekk kienu kostretti li jigru wara l-estimated amount. Qal li r-returns kienu ntbaghatu tard u ghalhekk bdew jiggeneraw l-ammont ta' multi u interessi relatati ma' l-ammont ta' taxxa li kienet giet dikjarata. Semma li l-ammont kien daqsxejn sostanzjali u d-dipartiment kien ha hsieb biex jigbor l-ammont ta' Lm7,945 li kienu l-interessi, ghax it-taxxa u t-taxxa addizzjonali kienet thallset. Qal li t-taxxa addizzjonali kienet dik il-multa talli r-returns kienu ntbaghtu tard. Ghall-ewwel return kienet Lm10 kull xahar, ghat-tieni return Lm20 fix-xahar u l-kumplament Lm40 fix-xahar. Sostna li kien hemm somma ta' Lm22,280 taxxa addizzjonali talli r-returns kienu ntbaghtu tard u huma ma ghamlu ebda enforcement biex jigbru t-taxxa addizzjonali. Izda grew wara l-bilanc ta' interessi billi hargu demand notice u ittra ufficjali. L-imghax li grew warajh kien gie mhallas mill-kumpanija rikorrenti u l-ammont ta' interessi kien thallas fit-3 ta' April, 2001.

Dwar l-amnestija li kienet harget fil-budget, qal li l-Gvern kien ta biex jinhafru 90 fil-mija tat-taxxa addizzjonali izda ma kenitx tirreferi ghall-interessi. Qal li meta jinhadem l-ammont ta' imghax dovut, il-computer l-ewwel li jaqta' l-multi u l-interessi u mhux mill-ammont ta' taxxa dovuta. Semma li kieku ma hallsux kienu jgawdu minn dik l-amnestija. Qal li ma kienx jaf kemm intbaghtu tard ir-returns u t-taxxa addizzjonali tinhadem fuq kemm tkun baghattha tard.

Xehed <u>David Pace</u> accountant, konsulent b'mod indipendenti mill-kumpanija Woodline Limited u kien ghamel xoghol ta' konsulenza fuq accountant lis-socjeta` rikorrenti. Qal li jaf li l-kumpanija Woodline halset multi u hallset il-kapitali li kien outstanding taht il-VAT 1995, kien hemm multi addizjonali u interessi fuq il-kapital u fuq il-multi. L-ammonti ma ftakarhomx izda globalment kienu jammontaw ghal xi Lm 55,000.

Semma li kien hemm kawza quddiem il-bord ta' l-appell tal-VAT 1995 u dan ma kienx laqa' l-applikazzjoni tal-kumpanija ghalhekk il-VAT Department kien ipproceda li

ghamel meeting u mbaghad wara xi zmien kien sar meeting mas-Sur Joe Portelli li kien il-Kummissarju tal-VAT dak iz-zmien billi l-ammonti kienu sostanzjali u d-dipartiment kien hareg b'agreement biex jibdew jitwettqu pagamenti fuq bazi regolari. Qal li ghalkemm fuq il-kumpanija kien hemm piz kbir biex thallas lura dawk il-flejjes, kien irnexxielha tibda thallashom skond l-agreement. Zied li sfortunatment kien hemm gieli pagamenti li ma thallsux ezatt, imma l-kumpanija dejjem ghamlet mill-ahjar li setghet biex thallas id-dejn taghha.

Semma li darba kien hemm pressure qawwi fuq id-diretturi u kienu hargu xi sekwestri mid-dipartiment kontra l-kumpanija u riedu jressqu lid-diretturi fuq misappropriation of public funds u ghalhekk is-Supretendent Mamo kienet baghatet ghal Bugeja fuq il-VAT 1995. Qal li d-Dipartiment kien jikkuntattja lill-kumpanija biex jara kif se jithallsu d-dues. Semma li fil-BSL group kien hemm il-Business Systems Limited, il-Woodline Limited li mill-1996, 1997 kienet l-ikbar kumpanija fil-grupp, u kien hemm The Chair Limited u Burotek Limited. Dwar il-kwistjoni ta' l-ammnestija qal li meta harget l-amnestija li kienet giet imhabbra fil-budget, hu kien informa lil Bugeja u wara kienet harget il-Legal Notice. Qal li l-kumpanija mhix on a cash basis jigifieri mhux bilfors li tkun gabret il-flus, ikunu flus li jkunu dovuti bhala output VAT minghand il-klijenti. Jekk il-klijent ikun ghadu ma hallasx, il-flus ikunu ma ngabrux u l-kumpanija xorta thallashom lid-dipartiment ghax inkella jibdew l-interessi u s-short payment penalties.

Semma li kien hemm ukoll xi returns li kienu ghadhom ma ntbaghatux u l-kumpanija kienet bidlet l-awdituri taghha u ngaggjat full time accountant gdid u sa Lulju 1997 kienu ghamlu update ta' kollox u kienu ssottomettew kollox. Dwar xi problemi fuq is-CET qal li kien hemm appell fuqhom u l-bord ta' l-appell kien accetta l-argument u kienu gew imnaqqsin il-multi u d-dues li kien hemm kontra l-kumpanija jew kumpaniji fil-grupp.

Xehdet l-<u>Ispettur Helga Debono</u> fejn semmiet li fit-12 ta' Dicembru 2001 bhala l-Fraud Squad kienu rcevew "letter

to prosecute" minghand il-VAT Department sabiex jiehdu passi kontra Greta Bugeja on behalf of Business Systems Limited ghax ma kenitx hallset l-ammont Lm12,804. Semmiet li kienu baghatu ghaliha u din dehret ixxukkjata li baghatu ghaliha u qaltilha li hi kienet id-direttur flimkien ma' hutha Christopher Gatt u Claire Gatt li kienu responsbabli ghal BSL Holdings u hi kienet responsabbli mill-administrative section and accounting department.

L-ispettur meta staqsietha fuq l-amount li kellha taghti lill-VAT Department din qalet li kienet ilha taf bihom mill-1999. Qalet li kienu saru hafna korrispondenza mal-ex-Commissioner tal-VAT certu Portelli dak iz-zmien, sabiex ikunu jistghu jissetiljaw dawn il-flus. Qalet ukoll li l-kumpanija taghhom kellha tiehu xi flus minghand l-Inland Revenue Department u dawn kienu qed jippruvaw jaghmlu agreement sabiex dak l-ammont li kellu jinghata lill-kumpanija jigi offset mal-flus li kienu dovuti. Semmiet li kienet kellmet lil Dr. Giglio, hu kien qallha li lil Bugeja kien ser jaghtiha parir biex thallas l-ammont tal-VAT biex huma ma jiehdux passi kriminali kontriha u hu mbaghad jaghmel kawzi civili, kif fil-fatt gara. Semmiet li fi Frar 2002 kienu rcevew karta li kienet tghid li hi kienet hallset kollox u ghalhekk ma hadux passi kif soltu jaghmlu.

Semmiet li fl-ewwel ittra li kienu rcevew minghand il-Kummissarju tal-VAT f'Dicembru 2001 issemma VAT 95, Lm645.33 u l-istatement kien ittiehed fit-2 ta' Frar 2002. Qalet li hi kienet marret mill-ewwel malli baghatu ghaliha. Qalet li hi kienet sejra thallas bl-iskop li jigu estinti l-proceduri kriminali. Semmiet li fit-2 ta' Frar kienet marret ghandha, fis-6 ta' Frar hallset waqt li fil-11 ta' Frar kienet irceviet minghand mis-Sur James Farrugia ghall-Commissioner for VAT l-ittra fejn kienet tghid li kienet hallset kollox.

Xehed Christopher Gatt Direttur fil-Woodline Limited u kien ukoll Direttur tal-BSL, Chair Company Limited, Burotek Limited, Limited Investments. Qal li Greta Bugeja hija ohtu u llum il-gurnata hi mhix direttur f'kull wahda minn dawn il-kumpaniji. Dwar il-Woodline Limited bejn l-1995 u 1998 qal li d-Diretturi taghha kienu hu kif ukoll

Gejtu Attard u kien hemm ukoll l-Avukat Jose` Herrera. Semma li d-ditta BSL kienet family business taghhom u l-kumpanija maggoritarja fil-Woodline Limited dak iz-zmien kienet il-BSL. Qal li s-share holders fil-BSL kienu hu, ohtu, ohtu z-zghira, ommu u missieru. Semma li fl-1995 – 1998 fil-Woodline Limited, Gejtu Attard kien jiehu hsieb il-production, hu kien jiehu hsieb is-sales u l-marketing u ohtu Greta kienet tiehu hsieb administration, legal u accounts. Il-VAT bejn l-1995 sa l-1998 kienet tiehu hsiebha ohtu Greta.

Giet esebita kopja tal-mandat ta' sekwestru 910/01 [fol 28] li kien hareg fuq talba tad-Direttur tad-Dwana u s-Sisa kontra l-Woodline Limited. Mahrug fit-30 ta' Marzu, 2001. Il-formoli riferibbli ghall-iskema jinstabu bejn fol 33 u 37.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Ghalhekk f'dan il-kaz is-socjeta` rikorrenti qedgha ssostni li fuqha saret pressjoni specjali mill-awtoritajiet biex thallas l-ammonti ta' VAT, Taxxa addizzjonali, u penali u wara li hallset harget skema specjali mill-Gvern li permezz taghha min ma kienx hallas seta' jibbenefika li jhallas biss parti tat-taxxa addizzjonali, u kawza ta' dan saret diskriminazzjoni kontra taghha. Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti biex tiddikjara illi permezz tal-agir ta' l-intimat gew lesi d-drittijiet umani u fundamentali taghha ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijet Umani u Fundamentali tal-Bniedem hekk kif res applikabbli mill-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem. Talbet ukoll li l-Qorti taghtiha dawk ir-rimedji li s-socjeta` kummercjali rikorrenti tigi nkluza mill-intimat Skema ta' Tnaqqis tat-Taxxa Addizzjonali li thabbret fil-Budget tas-sena 2002 u wkoll tordna lill-istess intimat illi jhallas u jirrifondi lura lis-socjeta` kummercjali rikorrenti dik is-somma li tirrappresenta d-differenza bejn dak li effettivament hija hallset bhala penali u imghax ghall-VAT 1995 u dak li seghet gawdiet mill-Iskema.

L-intimat sostna li s-socjeta` rikorrenti ma sofriet ebda pregudizzju billi hallset it-taxxa u l-penali dovuti minnha

skond il-ligi u li dak li sar ma jfissirx illi saret xi diskriminazzjoni ma' min kien hallas qabel fit-termini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja stante illi dik l-iskema tal-mahfra kienet tapplika ghal kull min kien fis-sitwazzjoni kontemplata fl-iskema meta din inharget u ma kienet taghmel ebda diskriminazzjoni abbazi tar-ragunijiet imsemmija fl-istess Artikolu 14 (u cioe` diskriminazzjoni abbazi ta' razza, kulur, origini socjali, sess, affiljazzjoni politika etc jew abbazi ta' xi kriterju ***ejusdem generis***).

L-imsemmi artikolu 14 jghid hekk:
"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status iehor."

L-intimat isostni li d-distinzjoni li qeghda ssir fir-rikors promotur bejn persuni li lahqu hallsu u persuni li ma kienux hallsu hija wahda rrilevanti ghall-fini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni billi din id-distinzjoni ma teradikax diskriminazzjoni skond dak l-Artikolu. Minn-naha l-ohra s-socjeta` rikorrenti ssostni li fil-kaz taghha ittiehdu azzjonijiet mill-intimat li sforzawha thallas waqt li fil-kaz ta' haddiehor dan ma kienx il-kaz. Ovvjament is-socjeta` attrici tirreferi ghall-mandat ta' sekwestru u aktar u aktar ghall-fatt li l-pulizija baghtet ghall-Greta Bugeja, u wara pariri legali is-socjeta` attrici ghamlet l-ghazla li thallas. Ghalhekk skond is-socjeta` rikorrenti hi giet trattat b'mod differenti minn pagaturi ohra tat-taxxa tal-VAT, u taghmel referenza ghal dak li xehed Charles Caruana – Ufficjal Principali mis-sezzjoni tal-Collection tal-VAT - li kkonferma li "kieku [is-socjeta` rikorrenti] ma hallsux naturalment kienu jgawdu mill-amnestija".

Naturalment mhux kull diskriminazzjoni hija koperta mill-Artikolu 14. Infatti jinghad li "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni..." Infatti Il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedern fil-kaz ta' **Abdulaziz, Cabales u Balkandali vs United Kingdom (1985)** irriteniet hekk:

“According to the Court’s established case law, Article 14 compliments the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the ‘enjoyment of the rights and freedoms’ safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions - and to this extent it is autonomous - there can he no room for its application unless the facts of the issue fall within the ambit of one of the latter”.

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Debono Grech vs Albert Mizzi et nomine** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta’ Frar, 1999 il-Qorti qalet:
“Ir-rikorrent kien impjegat mas-socjeta parastatali bhala General Manager. Meta lahaq Ministru kien hareg on special leave u zamm id-dritt jirritorna ghax-xogho keta jispicca mill-kariha pubblika li jokkupa. Fil-fatt meta spicca minn Ministru l-post ta' General Manager mas-socjeta gie abolit u huwa safa minghajr xoghol. Huwa allega ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu billi allega li kien hemm diskriminazzjoni politikament motivata fil-konfront tieghu. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tieghu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.

Mhux kull trattament different jarreka vantagg anke b'movent politiku jikkostitwixxi vantagg jew zvantagg anke b'movent politiku jikkostitwixxi agir diskriminatorju li jammonta ghall-ksur ta' drittijiet fondamentali. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti jehtiegilhom ikunu arginati fid-definizzjonita' dak il-paragun li hu meqjus li jikkostitwixxi deskriminazzjoni ghall-fini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghandhom ukoll jigu skartati konsiderazzjonijiet ta' dritt li kienu jemanu minn ligijiet ohra, bhal dawk li jirregolaw il-kuntratt ta' impieg adegwat ghall-ilment tar-rikorrent, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-allegazzjoni li hu kien gie imkecci ingustament mill-post tax-xoghol tieghu.

Il-kostituzzjoni mhux biss tiddetermina b'mod tassattiv il-grounds ta' diskriminazzjoni imma ukoll tesigi li jkunjirrisulta dan l-element ta distinzjoni posittiva, materjali

u attwali, fit-trattament bejn persuna ta'l-istess deskrizzjoni. Il-posizjoni taht il-Konvenzjoni Ewropeja hija differenti fis-sens li ma hemmx ghalfejn issir il-prova tal-motivazzjoni politika tad-diskriminazzjoni.

Inoltre, il-Qorti osservat li d-dritt ghax-xoghol mhux dritt fondamentali. Ghalkemm f'cirkostanziestremi tkeccija mix-xoghol tista tammonta ghall-agir inuman u degredanti dan ma kienx fil-kaz prezenti."

Fil-lawza fl-ismijiet **Registratur tal-Qorti vs Maurice Zarb Adami** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru, 2001 ir-rikorrent kien gie mmultat mill-Qorti Kriminali ghaliex kien naqas li jattendi bhala gurat. Ir-rikorrent allega li l-ghazla tieghu bhala gurat kienet diskriminatorja fuq bazi ta' sess u leziva tad-drittijiet fondamentali tieghu. Fuq ordni ta' riferenza l-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat. Il-Qorti rritjeniet li l-fatt biss li kien hemm izjed gurati irgiel milli nisa ma kienet bl-ebda mod tammonta ghall-diskriminazzjoni projbita jew leziva tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla [sede Kostituzzjonali] fil-11 ta' Awissu, 2000 fl-ismijiet **Katerina Cachia vs Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha et** inghad [u hawn il-Qorti sejra tikkwota estensivament]:
"Dak li din il-Qorti hi msejjha biex tiddeciedi hu biss jekk l-agir ta' l-intimati fic-cirkostanzi fuq imfissra jiksirx o meno d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-artikoli tal-ligi appena msemmija. Kif fisser l-allura Master of the Rolls ta' l-Ingilterra, Sir Thomas Bingham (illum Lord Bingham of Cornhill) fil-kaz ***R. v. Cambridge Health Authority, ex p. B (a minor)*** [1995] 1 WLR 898: *"…The Courts are not, contrary to what is sometimes believed, arbiters as to the merits of cases of this kind*[1]*. Were we to express opinions as to the likelihood of the effectiveness of medical treatment, or as to the merits of medical judgment, then we should be straying far from the sphere which under our constitution is accorded to us. We have one function only,*

[1] Kazijiet ta' "judicial review".

*which is to rule upon the lawfulness of decisions. This is a function to which we should strictly confine ourselves”* (at 905)…

La l-kapitolu dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu tal-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jaghtu d-dritt ghall-kura medika b'xejn[2]….

Fid-dawl ta' dak kollu li ghadu kif intqal, din il-Qorti hi sodisfatta li bl-agir tieghu l-intimat Direttur Generali la kiser, la hu qed jikser u lanqas li x'aktarx ser jikser id-dritt tar-rikorrenti kif protett bl-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 33(1) tal-Kostituzzjoni…

**L-Allegazzjoni ta' Diskriminazzjoni**

1. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jipprovdi li *“It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni*[3] *bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, ecc.”.*
2. Kif tajjeb osserva l-abbili difensur tar-rikorrenti, il-“grounds of discrimination” (sess, razza, kulur ecc.) imsemmija f'dana l-artikolu ma humiex “exhaustive” izda huma “exemplicative”. Fi kliem iehor, <u>kull</u> diskriminazzjoni (fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet imsemmija) hija projbita. Fil-fehma tal-Qorti, l-aktar definizzjoni cara ta' xi tfisser “diskriminazzjoni” f'dan il-kuntest inghatat mill-Qorti Ewropea fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru, 1995 fil-kawza fl-ismijiet ***Spadea and Scalabrino v. Italy***. Dik il-Qorti qalet hekk: *“Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in “relevantly” similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established,* inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons*

---

[2] Ara, fir-rigward tal-Konvenzjoni, is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-Ingilterra fil-kawza ***North West Lancashire Health Authority v. A and others*** (1999) 5 BMLR 148, li ghaliha rriferiet id-difensur tal-intimati. L-uniku accenn, indirett, li hemm ghal kura medika fil-Kostituzzjoni huwa fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 17, cioe` fid-dikjarazzjoni ta' principji li <u>ma humiex ezegwibbli f'xi qorti</u> (ara Artikolu 21).
[3] “…without discrimination on any ground…” fit-test originali ingliz.

*who have been better treated”* (A.315-B, p. 28). Il-Qorti hawnhekk tosserva l-uzu tal-kelma “similar” u mhux tal-kelma “identical”. Mill-banda l-ohra ghandu jigi precisat li huwa biss “fit-tgawdija” ta’ dawn id-drittijiet u libertajiet li d-diskriminazzjoni hi projbita; l-Artikolu 14 ma jipprojbix id-diskriminazzjoni b’mod generali. Fi kliem Harris, O’Boyle u Warbrick, *“Article 14 imposes an obligation on states to secure the non-discriminatory enjoyment of the rights and freedoms protected by the Convention. Where a right falls outside the Convention, such as the right of access to civil service employment, a state has no obligation to avoid discrimination. In practice this is a significant restriction because a great deal of discrimination law is concerned with the enjoyment of economic and social rights, such as rights to employment or to pay or working conditions or to housing, none of which are concerns of the European Convention on Human Rights”* (*op. cit.* p. 464). U fi kliem il-Qorti Ewropea fil-kaz ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. United Kingdom*** (28/5/85, A.94, p. 35): *“Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous –, there can be no room for its application unless the facts at issue <u>fall within the ambit of one or more of the latter</u>”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

3. Xi jfissru l-kliem “fall within the ambit of one or more of the [substantive provisions of the Convention and the Protocols]”? Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa pagni 710 sa 730 tal-ktieb ta’ van Dijk u van Hoof aktar ‘l fuq imsemmi, kif ukoll pagni 462 sa 488 tal-ktieb ta’ Harris, O’Boyle u Warbrick, ukoll imsemmi aktar ‘l fuq. Ezaminat ukoll pagni 169 sa 175 tal-ktieb ta’ Jason Coppel ***The Human Rights Act, 1998*** (John Wiley & Sons, Chichester, 1999) gentilment imqieghed a disposizzjoni taghha mid-difensur tar-rikorrenti. Minn dawn il-kitbiet, kif ukoll mid-decizzjonijiet li dawn l-awturi jirreferu ghalihom, din il-Qorti hi tal-fehma li biex ikollok vjolazzjoni tal-Artikolu 14 <u>meta ma hemmx vjolazzjoni ta’ xi artikolu sostantiv</u>, il-fatti

lamentati u li jiddiskriminaw iridu jaqghu f'dak il-margini ta' diskrezzjoni li l-istat ghandu fl-implimentazzjoni tad-disposizzjoni sostantiva, jew ikunu intimament konnessi mat-tgawdija ta' dak id-dritt jew ta' dik il-liberta` partikolari. Hekk, biex wiehed jaghti ezempju car, li kieku hemm ligi jew prassi li l-piena tal-mewt (wara sentenza ta' qorti kriminali) tigi ezegwita fil-kaz ta' nies bojod izda mhux ta' nies suwed, l-esekuzzjoni tas-sentenza fiha nnifisha ma tkunx tikser l-Artikolu 2(1), izda tkun tikser l-Artikolu 14 moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)[4]. Issa, fit-trattazzjoni tieghu l-abbili difensur tar-rikorrenti ikkontenda li hemm diskriminazzjoni taht l-Artikolu 14 moqri flimkien ma' l-Artikolu 3 minhabba l-fatt li zewg pazjenti (MGM u CM) inghataw it-Taxol (mhux it-Taxotere) b'xejn ghall-kura tal-kancer tas-sider. Fil-fehma tal-Qorti, anke jekk wiehed jikkoncedi li dan il-fatt hu wiehed diskriminatorju (a bazi tad-definizzjoni ta' "diskriminazzjoni" moghtija fil-kaz ***Spadea and Scalabrino***), dawn il-fatti ma jaqghux fl-ambitu la tal-Artikolu 3 u lanqas tal-Artikolu 2 propju ghax ma jaqghux fil-margini ta' xi diskrezzjoni li l-istat ghandu fl-implimentazzjoni ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet sostantivi, kif ukoll peress li ma humiex intimament konnessi mat-tgawdija ta' dawn iz-zewg drittijiet. Kif diga inghad, il-Konvenzjoni ma taghti ebda dritt ghal kura medika b'xejn; l-Artikolu 3 ma jammetti ebda diskrezzjoni ta' l-istat fl-implimentazzjoni tieghu; filwaqt li l-fatti relevanti b'ebda mod ma jinkwadraw f'xi diskrezzjoni li l-istat jista' jkollu fit-tieni parti tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 2 (jigifieri t-tnehhija intenzjonali tal-hajja fl-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti). Fi kliem iehor, id-dritt ghall-hajja kif kontemplat fl-Artikolu 2 kif ukoll id-dritt li wiehed ma jkunx assoggettat ghal trattament inuman u degradanti ma huma b'ebda mod affetwati bil-"fatt diskriminatorju" li qed jigi prospettat mir-rikorrenti. Huwa veru li meta wiehed jara l-kaz ta' MGM (mhux tant il-kaz ta' CM) u l-kaz tar-rikorrenti wiehed ma jistax ma jikkonkludix li d-Dipartiment tas-Sahha qed japplika "double standards" fil-kaz ta' dawn it-tnejn: lil wahda pprovdilha "taxane" b'xejn anke qabel ma kien hemm l-"approval" formali ghax-xiri tad-droga Taxol fis-27/2/97, mentri lir-rikorrenti, li tinsab f'sitwazzjoni

[4] Dan apparti, naturalment, minn dak li jipprovdi l-Protokoll numru 6 dwar il-piena tal-mewt.

simili u ghandha bzonn droga simili (ghalkemm mhux identika) l-istess Dipartiment mhux jipprovdihielha. Dan huwa fatt li jinkwieta hafna lil din il-Qorti u ghandu jinkwieta aktar lill-intimat Direttur Generali; minkejja dak kollu li jista' jinghad dwar allokazzjoni ta' rizorsi, pariri tad-DTC u decizjonijiet iebsa li jkollhom jittiehdu fl-"interess pubbliku", il-fatt jibqa' wiehed diskriminatorju. Sfortunatament, izda, din id-diskriminazzjoni, ghar-ragunijiet aktar 'l fuq imsemmija, mhix kolpita bl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

4. Din il-Qorti terga' ttenni li din hi, fil-fehma taghha, il-posizzjoni skond il-ligi. Jekk etikament, moralment u politikament id-Dipartiment tas-Sahha hux gustifikat li ma jipprovdix it-Taxotere b'xejn lir-rikorrenti (u lil dawk in-nisa kollha li jinsabu fl-istess kundizzjoni bhala) hi kwistjoni ohra."

Is-socjeta` rikorrenti issostni li sar ksur tal-Artikolu erbatax (14) u li hi qeghda tigi diskriminata a bazi ta' dan l-Artikolu fid-dawl ta' l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol li jirreferi ghad-dritt fundamentali tat-tgawdija tal-proprjeta` - diskriminazzjoni lampanti fir-rigward tas-socjeta` rikorrenti meta komparata ma' pagaturi ohra tal-VAT. Sostniet li ghall-intimat jezistu zewg kwalitajiet ta' pagaturi u cioe` fuq naha wahda dawk li ottemporaw ruhhom mal-ligi tal-VAT u hallsu dak li kien dovut minnhom, kif ghamlet is-socjeta` rikorrenti, u fuq in-naha l-ohra dawk li ma hallsux u baqghu jinjoraw il-varji interpellazzjonijiet ghal-hlas tal-intimat. Dawk li ma hallsux gawdew minn mahfra jew amnestija u spiccaw hallsu hafna inqas mis-socjeta` rikorrenti u cioe` spiccaw hallsu biss ghaxra fil-mija (10%) tat-taxxa addizzjonali. Sostniet li hi kellha d-dritt taghha, ghat-tgawdija ta' dawk il-flus li indebitament hallset lill-intimat, pregudikat bl-agir tal-istess intimat. L-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol jipprovdi li:

**"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.**

**Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' propjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".**

Peress li gie stabbilit diversi drabi li flus huma “proprjeta`” ghal finijiet tal-artikoli in kwistjoni, is-socjeta` rikorrenti sostniet li hemm vjolazzjoni ta’ l-artikolu 14 b’referenza ghall-imsemmi Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol u irreferiet ghall-kawza **Chassagnau and others vs France (1999)** fejn il-Qorti Ewropeja rriferiet ghal dawn l-istess artikoli u rriteniet li dawn ghandhom jinqraw flimkien biex jigi stabbilit jekk kienx hemm, bhal ma hemm tas-socjeta’ rikorrenti:
“a clear inequality of treatment in the enjoyment of the right in question which is a fundamental aspect of the case”;

Is-socjeta` rikorrenti ikkwotat mill-kaz ta’ **Litghow and others vs United Kingdom (1986)** fejn il-Qorti qalet li l-artikolu 14 “safeguards persons … who are ‘placed in analogous situations against discriminatory differences of treatment”.

Qablet li l-Qorti Ewropeja wkoll tghid li l-applikant irid jidentifika l-grupp ta` nies li gew trattati differentement u sostniet li fil-kaz odjern huwa car minn huma dawn in-nies - dawk il-pagaturi ohra tat-taxxa tal-VAT, li ma ottemperawx ruhhom mal-ligi u fl-ahhar mill-ahhar gawdew mill-amnestija u frankaw eluf kbar ta’ liri. Irreferit ukoll ghall-kaz ta’ **Fredin vs Sweden (1991)** fejn il-Qorti Ewropeja irrimarkat li biex l-applikant jirnexxielu jipprova li kien hemm diskriminazzjoni irid jistabilixxi:
“inter alia, that the situation of the alleged victim can he considered similar to that of the persons who have been better treated”.

F’dan l-istadju l-Qorti sejra tirreferi ghal xi kazistika lokali fuq l-aspett ta’ diskriminazzjoni. Fil-kawza fl-ismijiet **Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-**

**Prim Ministru** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 1999 fejn Dr Sultana kien allega diskriminazzjoni fil-konfront tieghu illi ma thalliex jikkontesta l-elezjoni generali. Hu kien impjegat tal-Gvern full time u allegati impjegat ohra f'posizjoni bhal tieghu kienu thallew jikkontestaw. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tieghu w l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.

Il-Qorti osservat li illum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta 1] kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoniiet ugwali 2] jigu trattati b'mod diferenti (inkluz permezz ta imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantagg) 3]meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi obiettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' l-origini, l-opinjonijiet politici, eccetrera tal-persuni] jew 4] jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita bejn il-mezzi impjegati u l-iskopp vizwalizzat (**ara Il-Pulizija vs Dr. Joseph Muscat** Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) 28 ta' Lulju 1989, **Avukat Dr. Tonio Borg noe vs Ministru Tal-Affarijiet Barranin u Kultura et** – Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) 2 ta' Mejju 1984, **Carmel Coccopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et** - Qorti Kostituzzjonali 20 ta' Frar 1987 u osta ohrajn.) Ir-rikorrent mhux rikjest li jipprova r-raguni li mmotivat dik id-diskriminazzjoni imma huwa obbligat li jipprova l-fatt tal-diskrimininazzjoni. Jekk imbaghad tali fatt jirrisulta ikun jispetta lil Gvern li juri li dak l-agir kien fic-cirkostanzi gustifikat.

Ukoll il-Qorti tirreferi ghal kaz tal-**Perit Vincent Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar, 1987 fejn ir-rikorrent kien impjegat tal-Gvern. Huwa gie mghoddi minn passi ta' dixxiplina quddiem il-Bord tad-Dixxiplina u l-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku billi kien jippublika artikoli fil-gazzetti partigjani. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet li t-trattament li kien ircieva r-rikorrent kien jammonta ghal diskriminazzjoni politika u llikwidat favur tieghu d-danni minnu sofferti. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat. Fil-konsiderazzjoni ta' jekk persuna tkunx

giet assoggettata ghal diskriminazzjoni politika d-dipartimenti kollha tal-Gvern jitqiesu bhala haga wahda u tigi kkunsidrata l-prassi fid-dipartimenti kollha biex wiehed iqis hemmx diskriminazzjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet **Dr Giuseppe Maria Camilleri noe vs l-Onor Ministru tat-Turizmu et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Lulju, 1990, Camilleri kienet tahdem ta' gwida turistika. L-awtoritajiet esigew li hi u gwidi ohra jaghmlu ezami biex ikomplu jahdmu ta' tali. Ir-rikorrenti giet lilha revokata l-licenzja wara li wahlet minn dan l-ezami. Hija allegat li dan kien rizultat ta' diskriminazzjoni politika u ksur tad-drittijiet fundamentali taghha u talbet li tigi risarcita ghad-danni.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat u
(1) ddikjarat lill-intimat hati ta' ksur ta' l-artikolu 45 (2) tal-Kostituzzjoni billi ttratta b'mod diskriminatorju lir-rikorrenti meta wehlet fl-ezami tal-gwidi skond ir-rizultat tat-3 ta' Ottubru, 1984 u meta fl-istess okkazzjoni cahditha l-licenzja ta' gwida turistika;

(2) ddkjarat ir-rizultat ta' l-ezami msemmi sa fejn dak ir-rizultat jirrigwarda lir-rikorrenti null u bla effett,

(3) ordnat lill-intimat li immedjatament jirrestitwixxi lir-rikorrent l-licenzji ta' gwida turistika, bil-vanataggi kollha li jaghmlu maghha, u

(4) astjeniet ruhha mit-talbiet l-ohrajn tar-rikorrenti, l-ispejjez jithallsu kollha mill-intimat. Ir-rikorrenti appellat bili ppretendiet li messhom gew likwidati favur taghha d-danni minnha sofferit. Il-Qorti Kostituzzjonali laqghet l-appell, irriformat u rrinvjat l-atti lill-ewwel Qorti ghal-likwidazzjoni tad-danni.

Il-Qorti osservat li la darba t-talbiet tar-rikorrenti kienu gew milqugha fis-sens li rrizulta li hija kienet giet sofriet diskriminazzjoni politika kien l-obbligu tal-Qorti li tillikwida d-danni minnha mitluba biex b'hekk tkun inghatat rimedju.

Fil-kawza **Dr Louis Galea nomine vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta’ Jannar 1990 il-meritu kien dwar il-kostituzzjonalita` ta' ordni moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru tax-Xogholijiet u Sport ghat-tnehhija ta' "electronic broadcaster" li kien gie mwhahhal fuq il-lokal ta' kazin politiku. Ir-rikorrenti allegaw li tali ordni kien jivvjola l-liberta` ta' espressjoni taghhom u kien diskriminatorju fil-konfront taghhom. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali laqghet l-appell tar-rikorrent u rrevokat is-sentenza appellata.

Il-Qorti rriteniet li t-twahhil ta' "electronic broadcaster" ma jinkwadrax ruhu fil-kliem tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 87 bhala reklam esponut u reklam imwaqqaf. Ghalhekk l-ordni mahrug mill-Ministru taht dak l-artikolu kien wiehed illegali, u kwindi, billi l-Ministru ma kienx, allura qieghed jagixxi b'sahha ta' ligi, kien in vjolazzjoni ta' l-art. 45 tal-Kostituzzjoni.

Inoltre l-fatt li l-awtoritajiet ippermettew lill-kazini ta' partit iehor jesponu reklami simili minghajr permess waqt li ma ppermettewx lir-rikorrenti jwahhlu fuq il-kazin taghhom l-"electronic broadcaster" tikkostitwixxi diskriminazzjoni projbita. Diskriminazzjoni tikkonsisti fl-ghemil ta' distinzjoni fir-rigward ta' persuna, liema distinzjoni ma jkollix bazi fir-raguni u fil-fatt oggettiv.

Fil-kaz **Litghow and others vs United Kingdom (1986)** il-Qorti Ewropeja qalet:
“for the purpose of article 14, a dffference of treatment is discriminatory if it has ‘no objective or reasonable justification’, that is, if it does not pursue a legitimate aim.”

Issa fil-kaz in ezami l-intimat ma ta ebda raguni valida ghaliex Woodline Limited inghatat trattament differenti minn persuni fisici jew morali ohra li kellhom ihallsu. Ma irrizultax li hemm xi ghan legittimu ghala Woodline Limited giet trattata b’mod differenti minn pagaturi ohra tat-taxxa in kwistjoni. L-intimat bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li hemm dan l-ghan legittimu li jiggustifika t-trattament diskriminatorju tieghu fil-konfront tal-Woodline Limited. Il-

Pulizija baghtet ghad-Direttur tal-Woodline Limited u hawn jirrizulta car li ghalhekk l-imsemmija socjeta` giet trattata b'mod differenti minn debituri ohra tal-VAT u ma inghata ebda raguni valida ghal dan. Mix-xhieda tal-Ispettur Helga Debono jirrizulta li din baghtet ghal Greta Bugeja u wara dan thallas l-ammont dovut mill-Woodline Limited. Irrizulta car li kien hemm pressjoni fuq Greta Bugeja li kieku ma hallsitx kienet se tigi rinfacjata bi proceduri kriminali. Certament li dina tammonta ghal pressjoni konsiderevoli fuqha li waslet biex hija taqbad u thallas dak li huwa dovut, liema trattament ma sarx ma numru kbir hafna ta' debituri ohra u hawn tirrizulta d-diskriminazzjoni. Ghalhekk fil-kaz in ezami jirrizulta li:

1] kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali;

2] gew trattati b'mod diferenti (billi fil-kaz tal-Woodline Limited mhux biss inhareg mandat ta' sekwestru izda wkoll il-pulizija baghtet ghall-wahda mid-diretturi li ghalhekk kienet ser taffacja proceduri kriminali);

3] meta ma kienx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti ;

4] ma kienx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskopp vizwalizzat .

Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ppruvat l-fatt tad-diskrimininazzjoni. Kien ghalhekk jispetta lill-intimat li juri li dak l-agir kien fic-cirkostanzi gustifikat. Tali gustifikazzjoni ma gietx ippruvata.

Din il-Qorti tinkwieta taqra kummenti bhal ma kien hemm fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimat li kull ma ghamel l-intimat kien li ha hsieb biex jigbor dak dovut. Allura l-intimat f'kull kaz talab lill-Pulizija tibghat ghal kull min kellu jaghti! Certament li din il-Qorti ma taqbilx ma' nies li jkollhom ihallsu u ma jhallsux, izda ma tista' qatt taqbel li ma' dawk li ma jhallsux ma jintuzawx l-istess mizuri. Il-Qorti ghandha l-obbligu li ma tibza' minn hadd fil-protezzjoni tad-drittijiet tac-cittadini. Certament li l-Qorti ma kenitx tasal ghal dawn il-konkluzjonijiet li kieku ma' kull min kellu jaghti intuzat il-procedura tas-sekwestru; izda ma tistax li ma xi whud tibghat ghalihom il-Pulizija u wara tohrog amnestija li biha igawdu dawk li jkunx ittiehdu dawk il-proceduri kontra taghhom.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Dwar ir-rimedju s-socjeta` rikorrenti ikkwotat sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et** ta' nhar is-6 ta' Awissu 2001 fejn qalet:
'… L-artikolu 46 jaghti din il-Qorti setgha li taghmel kwalsiasi ordni sabiex tipprovdi rimedju ghall-ksir kostituzzjonali. Il-gurisprudenza f'dan is-sens hi wahda kostanti ... M'hemmx ghalfejn jinghad illi l-Kostituzzjoni fl-artikolu 46 ma kienet timponi l-ebda limitazzjoni fuq ix-xorta ta' rimedju xieraq u adegwat… Thalli rimedju ghal kollox f'idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti u thalli l-apprezzament ta' x'kien xieraq u adegwat fis-sens ta' gustizzja u ekwita` tal-gudizzju taghha'.

Zgur li rimedju ghandu jkun adegwat u effettiv.

Ghal dawn il-motivi:
Il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni li s-socjeta' rikorrenti ma sofriet ebda pregudizzju billi hallset it-taxxa u l-penali. Il-pregudizzju hu car u jikkonsisti f'li kieku ma saritx pressjoni diskriminatorja specjali fuqha aktar milli sar fil-kwantita` kbira ta' kazijiet ohra, ma kienx isir il-hlas u kienet tibbenefika mill-amnestija bhal tant ohrajn.

Dwar it-tieni eccezzjoni li l-obbligu tal-hlas tat-taxxi ma jivvjolax l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol, dan ma hux in diskussjoni. Dak li ssostni is-socjeta` rikorrenti li dan l-artikolu irid jinqara flimkien ma' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u dawn jwasslu ghal diskriminazzjoni kontra s-socjeta' rikorrenti. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi wkoll michuda.

Fuq l-eccezzjoni dwar il-legitimate expectation din il-Qorti ma thossx il-bzonn li tippronunzja ruhha fuqha ghax lanqas ezaminata min-naha tat-talbiet rikorrenti.

Ghalhekk tiddikjara li permezz tal-agir ta' l-intimat hawn fuq spjegat gew lesi d-drittijiet umani u fundamentali taghha ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijet Umani u Fundamentali tal-Bniedem

hekk kif res applikabbli mill-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem.

Tordna li s-socjeta` kummercjali rikorrenti tigi inkluza mill-intimat fl-Skema ta’ Tnaqqis tat-Taxxa Addizzjonali li thabbret fil-Budget tas-sena 2002 u wkoll tordna lill-istess intimat illi jhallas u jirrifondi lura lis-socjeta` kummercjali rikorrenti dik is-somma li tirrappresenta d-differenza bejn dak li effettivament hija hallset bhala penali u imghax ghall-VAT 1995 u dak li setghet gawdiet mill-Iskema hawn fuq imsemmija.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------